# JEĦTIEĠ INFITTXU BIEX INSIBU

*(Jorbot mal-ħarġa 17 ta' dan il-ktejjeb, faċ. 10)*

Meta wieħed jagħmel xi xogħol jeħtieġ li jagħmlu sewwa u biex jagħmlu sewwa jrid ikollu fuq kollox rieda tajba. Mela biex aħna nibdew naħdmu għall-malti m'għandniex bżonn ħlief 'rieda tajba'. Hemm xogħol fejjiedi li l-ħbieb tal-malti jistgħu jagħmlu b'daqxejn ta' rieda tajba: ix-xogħol ta' tfittxija biex inkattru l-għadd ta' kliem lsienna. Dan jista' jsir billi-ħbiebna iniżżlu f'daqxejn ta' *notebook* dak il-kliem kollu ġdid li jisimgħu, ilaqqgħuh f'damma u jġibuh imfisser f'dan il-ktejjeb. Aħna lesti biex nilqgħu fil-kitba tagħna l-kliem kollu mxerred li jistħoqqlu post fid-dizzjunarju ta' lsienna.

Infakkar l-kliem li qiegħed niġbor jien ma jinsabx la fid-dizzjunarju ta' Caruana, la f'ta' Falzon u l-anqas f'ta' Vassalli.

*Tipperċiedi :* tiddefendi; taqbeż għal xi ħadd.
"Flok ma qagħad jipperċiedi 'l ħuh, kollu mbażża telaq jiġri ġiri tal-mnigħas.

*Staġnat*, a : skantat. Qisu ħaġa mejta, bla enerġija.
"Qagħad staġnat iħares lejja"—Din il-mara qisha staġnata.

*Radika :* Ġebbieda. Razza. Igħiduha l-aktar bi tmaqdir.
"Kollha radika waħda dawn in-nies; tihom jixorbu l-imbid, xejn iżjed." Ingħidu wkoll ir-razza u r-radika.

*Ċiki :* botti 'Tixħet iċ-ċiki': tibbottja.
Ġuża lil Marì xeħtitilha ċiki kemm felħet.

*Branka :* jgħidulek "inti branka u jiena oħra"; ix-xogħlijiet tagħna mhux bħal xulxin. 'Dak mhux tal-branka tiegħek': tal-qatgħa tiegħek.

*Moppa :* xagħar kbir, imħabbel
"X'moppa għandek ! kellek bżonn taqtagħha xuxtek".

*TOħrot :* taqta biex twassa. '*Ġlekk maħrut*' : skullat.
Oħrotha iżjed il-libsa biex titwassa.

*Ir-rest :* din il-kelma smajtha fl-għidud "tqajjem ir-rest" jiġifieri tqum fuq tiegħek; tagħmel il-qalb.
"Qawwi r-rest donnok ħaġa mejta".
*Tmiss lil xi ħadd fir-rest :* tweġġgħu, tmissu fil-laħam il-ħaj. Bil-fors missejtu fir-rest la darba għadab daqshekk.

*Fitel :* xi nofs xiber. Il-wisa' ta' bejn is-sebagħ l-oħxon u l-werrej miftuħa.

*Tiekla :* tama; fiduċja.
Xħin ra li ma kien baqa' l-ebda tiekla, telaq u ħadd ma żied rah.
Ngħidu wkoll 'tittiekel għal xi ħadd' jiġifieri tittama fih, tqiegħed il-fiduċja tiegħek fih.
"Ninsab waħdi u issa ma baqalix għal min nittiekel".

*Soddieda :* fonqla. Bniedem qisu qansħa li ma jogħġbu xejn.
"X'soddieda fik ! ma nafx x'naqbad insajjarlek !

*Formika :* bħal marda li titrabba f'dufrejn il-bgħula u l-ħmir, li mħabba fiha ma jkunux jistgħu jimxu għax ikollhom bħal dufrejhom mherrijin; dan jiġri sikwit min-nuqqas ta' ħsieb biex wieħed ineħħilhom.
*Formika :* fit-taljan għandu din it-tifsira wkoll. Aktarx li aħna ħadnieha minn għandhom.

ĠUSÈ AQUILINA

*(Jissokta)*